*Profili dwar*

# IS-SURMASTRIJIET TAL-BANDA

## li dderiġew lill-Banda San Leonardu

Tagħrif miġbur minn L. AGIUS u J. CARBONE

### MRO IGNAZIO CATANIA



Twieled fid-29 ta' Jannar 1860, minn Ġiljan u Regin née German. Beda jitgħallem il-mużika mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, fejn beda jdoqq il-Klarinett.

Mro I. Catania dderieġa bosta baned fosthom il-Banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop, Sta. Katerina taż-Żurrieq, Beland taż-Żejtun, Unione tal-Birgu, De Paule ta' Raħal Ġdid u Marija Assunta ta' Ħal Tarxien. Kien ukoll assistent surmast mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.

Kien miżżewweġ lil Francesca u kellhom ħamest itfal. Miet fl-4 ta' Awissu 1936 f'Bormla, fl-età ta' 79 sena.

### MRO ANGELO PACE



Twieled il-Gudja fl-1920. Minn meta kien żgħir beda jdoqq is-Sax Alto fejn anke kien idoqq mal-banda tar-riġment fi żmien il-gwerra. Ta' età żgħira studja l-armonija, il-kontrapunt, il-kompożizzjoni, u d-daqq ta' l-orgni u l-pjanu, l-ewwel għand Mro Carmelo Costa u wara kompla għand Mro Giuseppe Casapinta fejn kiseb żewġ diplomi mil-*London College of Music*, l-*Associate* u l-*Licenciate in Music*. Serva bħala organista f'diversi knejjes, fosthom tal-Gudja, St Christopher u St Mary fil-kumpless ta' l-RAF Luqa sa l-1979.

Mro A. Pace ikkompona ħafna marċi funebri, brijużi u anke grotteski (għall-Karnival). Minn fost il-marċi li kkompona, il-marċ *Festival* kien ġie magħżul biex jindaqq

mill-banda militari u ġie trasmess mill-BBC fl-1954, fl-okkażjoni taż-żjara tar-Reġina Eliżabetta II. Huwa kkompona wkoll mużika serja għall-banda. L-*overture* 'Lil Din L-Art Ħelwa' kisbitlu t-tielet premju f'konkors li nżamm fl-1983 mniedi mill-Ministeru tal-Kultura. Indaqqet mill-Banda Nazzjonali u mill-Banda La Vallette. Mro A. Pace kiteb ukoll bosta mużika sagra u għall-knisja parrokkjali tal-Gudja, li tagħha huwa Maestro di cappella, ikkompona quddiesa *Regina Pacis*, *Maria Virgo* u l-*Messa Assumptiana* li hija meqjusa bħala l-aqwa xogħol tiegħu. L-Innu Marċ 'Jum l-Assunta' huwa l-aktar xogħol għal qalb is-Surmast Pace.

Mro A. Pace idderieġa diversi baned, dik ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop, il-Banda La Stella tar-Rabat, Għawdex, il-Banda M. M. Gratiae ta' Ħaż-Żabbar, La Stella tal-Gudja u l-Kor Excelsior ta' Ħal Luqa.

Mro Angelo Pace huwa miżżewweġ lil Grace née Schembri u għandhom sitt itfal.

## MRO LEONARD AGIUS



Twieled Ħal Kirkop fl-1924 minn Salvu u Marija née Chircop. Beda t-tagħlim tal-mużika fil-każin tal-Banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop fejn ħareġ idoqq il-Klarinett. Kompla javvanza fit-tagħlim tal-mużika taħt Jimmy Worley.

Baqa' jidderieġi l-banda sa ma emigra lejn Detroit fl-Istati Uniti ta' l-Amerika nhar it-3 ta' Diċembru 1951. Kull meta ġie jara l-familjari tiegħu jew fil-festa, ħafna niftakruh jissellef klarinett jew anke kien iġib tiegħu miegħu u jdoqq fis-servizzi kollha li l-banda San Leonardu kien ikollha fil-Festa.

Mro. L. Agius kien miżżewweġ lil Lina née Mizzi u kellhom tlett itfal. Miet fl-1996 fl-għomor ta' 73 sena ġo Detroit fejn kien jgħix għal dawn l-aħħar 49 sena.



## MRO JOSEPH M. BILOCCA

Twieled iż-Żurrieq fit-30 ta' Jannar 1914, minn Spiridione u Marianna née Mamo. Beda jitgħallem il-mużika fil-każin tal-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, fejn beda jdoqq il-Kurunetta. Idderieġa diversi baned, fosthom San Leonardu ta' Ħal Kirkop, Our Lady of Consolation (illum Banda Marija Assunta) tal-Gudja, l-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop kif ukoll kien assistent surmast mal-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

Mro J.M. Bilocca kien miżżewweġ lil Carmen u kellhom erbat itfal. Miet fis-6 ta' Mejju 1996 fl-għomor ta' 82 sena.

## MRO GEORGE MARTIN



Twieled l-Isla, nhar it-2 ta' Marzu 1920. Minn ċkunitu beda jitħarreġ fil-mużika, fil-Każin tal-Banda Queen's Own ta' l-Isla, fejn ħareġ idoqq il-Kornu. Wara baqa' jistudja sa ma ġab id-diploma A.Mus. L.C.M.

Mro G. Martin idderieġa bosta baned fosthom il-Banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop, i l-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba, Vilhena tal-Floriana, Queen's Own ta' l-Isla u kien ukoll assistent surmast tal-Banda Duke of Connaught's Own ta' B'Kara.

Ingħata l-kariga ta' surmast mal-Banda San Leonardu f'Awissu 1952. Fis-26 ta' Awissu, 1952 sar l-ewwel servizz tal-banda mmexxija minnu għall-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel quddiesa ta' Dun Leonard Farrugia minn Ħal Kirkop. Temm il-kariga ta' surmast mal-Banda San Leonardu fl-1972.

Is-Surmast G. Martin ikkompona bosta mużika, fost kollox innijiet, marċi funebri u marċi brijużi (li jaqbżu t-tmenin wieħed). Bla dubju l-akbar biċċtejn xogħol mill-pinna tas-Surmast Martin huma l-innijiet 'Lill-Assunta' għall-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba u l-Innu lil San Leonardu Abbati għall-banda li ġġib l-istess isem f'Ħal Kirkop. Kiteb ukoll innu tal-Banda San Leonardu.

L-Innu l-Kbir, kif bosta nsibuh aħna l-Koppin, inkiteb wara li f'seduta tal-Kumitat li nżammet nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 1954, inħass il-bżonn li jinkiteb innu, peress li kien riesaq id-dsatax il-ċentinarju mill-mewt ta' San Anard u kienu qed jaħsbu għal festi akbar mis-soltu. Avviċinaw lis-Surmast Martin li aċċetta l-proposta. Meta tlesta, l-Innu ġie regalat lis-soċjetà *gratis*, taħt il-kundizzjoni li l-ewwel banda li ddoqq l-innu kellha tkun dik ta' S. Leonardu ta' Ħal Kirkop, u li għandu jiġi rrekordjat għal fuq ir-*rediffusion*. Dan l-innu nkiteb fuq versi ta' Dun Frans Camilleri għall-kor, tenur u baritonu. Mro G. Martin ta' sikwit kien jirrakkonta li ġieli kien jistenbaħ f'nofs ta'lejl, jiġuh f'moħħu erba' noti, jinżel malajr mis-sodda, jiktibhom fuq biċċa karta u jerġa' jidħol jorqod.

Mro George Martin kien miżżewweġ lil Connie u kellhom erbat itfal. Miet nhar il-25 ta' Frar 1991 fl-età ta' 71 sena.



## MRO MICHAEL ANGELO FARRUGIA

Twieled fiż-Żurrieq fid-19 ta' Mejju 1927 minn Ġużeppi u Ġużeppa née Schembri. Beda t-tagħlim tal-mużika ġewwa l-Każin tal-Banda Sta. Katerina taż-Żurrieq, fejn ħareġ idoqq il-kurunetta.

Idderieġa l-Banda San Leonardu u kien assistent surmast mal-Banda Sta. Katerina taż-Żurrieq u San Ġorġ Ħal Qormi.

Mro M.A. Farrugia kien miżżewweġ lil Catherine née Cauchi u kellhom tlett itfal. Miet fl-1991 fl-għomor ta' 64 sena.



## MRO. GAETANO ZAMMIT

Twieled il-Gudja fl-1937 minn Lorenzo u Vincenza née Ellul. Beda jieħu t-tagħlim tal-mużika meta kellu sbatax-il sena, fil-każin tal-banda La Stella tal-Gudja, fejn beda jdoqq il-klarinett sentejn wara. Kompla javvanza fil-mużika taħt is-Surmast Anġlu Pace, kif ukoll taħt is-surmast Carmelo Pace.

Mro G. Zammit ikkompona diversi marċi funebri, marċi brijużi, polka u *marcia sinfonica*.

Idderieġa kemm il-Banda San Ġużepp kif ukoll il-Banda San Leonardu, it-tnejn ta' Ħal Kirkop. Huwa miżżewweġ lil Victoria née Camilleri u għandhom żewġt itfal.

## MRO UGO BUHAGIAR

Twieled f'Bormla fit-22 ta' Ġunju 1959, minn John u Marija née Sevasta. Ġie edukat fl-iskola primarja ta' Bormla, is-sekondarja għamilha fil-Liċeo l-Ħamrun u wara kompla l-istudju tiegħu fl-Università ta' Malta.

Fl-1971 ġie avviċinat biex jibda jitgħallem il-mużika, u meta wera ruħu mħajjar, ġie mlaqqa' mas-Surmast Carmelo Ciantar fejn beda jitgħallem u fl-1973 eżatt nhar l-14 ta' Awissu, lejlet Sta. Marija ġewwa l-Qrendi ddebutta l-ewwel darba bil-Klarinett. Huwa kompla jistudja l-mużika taħt is-surmast Carmelo Schembri, Carmelo Pace, u ma' l-Awstrijak is-Surmast Alexander Machat.



Fl-1983 inħatar surmast ta' l-Allievi mill-Banda Marija Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar. L-istess banda ħatritu Ass. Surmast fl-1984 u fl-1985 ħatritu Surmast Direttur tagħha. Fl-1987 ġie maħtur Surmast Direttur mill-Banda Sagra Familja fejn għadu jokkupa din il-kariga sa llum. Fl-1989 inħatar mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq bħala assistent Surmast Direttur u Surmast ta' l-allievi, fejn dam sa l-1994. Fl-1990 ġie maħtur Surmast direttur mal-Banda San Pawl ta' Ħal Safi fejn għadu jokkupa din il-kariga. Fl-1992 il-Banda Trinità Qaddisa tal-Marsa ħatritu Ass. Surmast Direttur u Surmast ta' l-Allievi post li għadu jokkupa sa llum.

Fl-1995 il-Banda tagħna, dik ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop ħatritu bħala Surmast Direttur tagħha.

Mro U. Buhagiar kiseb diplomi fil-mużika mill-Ingilterra fl-1986 u fl-1987. F'Ottubru ta' l-1997 ġie ppremjat bħala l-aħjar Surmast Direttur f'kompetizzjoni li saret ġewwa Portsmouth l-Ingilterra. Il-Banda Sagra Familja li tela' jidderieġi ġiet magħżula fit-tieni post minn fost għaxar baned barranin oħra li kkompetew.

Mro Ugo Buhagiar ikkompona diversi marċi brijużi, marċi funebri, mużika klassika u l-aktar għal qalbu mużika moderna, bħal: Boogie Woogie, Spring, Summer, Autumn u Don Giovanni b'dedika lill-mibki missieru John. Huwa kiteb ukoll Innijiet tal-Banda, Innu l-Kbir lil San Pawl għall-Banda San Pawl ta' Ħal Safi. Għaċ-Ċentinarju tal-Banda tagħna din is-sena kiteb sinfonija li semmieha ***Ċentinarja*** għall-okkażjoni.

Huwa miżżewweġ lil Doris u għandhom żewġt itfal, Clinton u Andrè.